MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 381/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Clive Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Clive Farrugia talli fit-18 ta’ Settembru 2008 ghall-habta ta’ 23.10 hrs gewwa Triq il-Markiz Scicluna, Naxxar:

(1) waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura BAB-425 Ford Fiesta, ikkommetta ksur ta’ sinjal li juri li m’hemmx dhul fi Triq il-Markiz Scicluna, Naxxar;

(2) saq vettura BAB-425 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtorita` kompetenti u ghalhekk ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghal riskju ta’ terzi persuni;

(3) ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex, jew fixkel waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliehx jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunx jaqa’ taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita tordna li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Dicembru 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Clive Farrugia hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-24 ta’ Dicembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-helsien tal-appellat mill-imputazzjonijiet enumerati 1 u 3 filwaqt li thassar u tirrevoka fil-bqija u cioe` fir-rigward tal-imputazzjoni rimanenti (numru 2) u tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi dan il-kaz skond il-ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) mill-affidavits tal-pulizija jirrizulta li l-appellat ammetta li ma kellux licenzja tas-sewqan. Barra minn hekk, l-indikazzjoni tad-data bhala 19 ta’ Settembru fl-affidavit ta’ P.C. 836 Joseph Vella hu biss zball tipografiku; (2) l-ewwel Qorti naqset milli tikkoncedi differiment lill-prosekuzzjoni sabiex jerga’ jsir tentattiv biex jigi ngunt ir-

rapprezentant tal-licenzji, xhud indispensabbli ghall-prosekuzzjoni; (3) minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, ai termini ta' l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 xhud wiehed jitqies sufficjenti bhala prova "shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar". F'dan il-kaz kien hemm zewg xhieda li kkonfermaw ix-xiehda ta' xulxin u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi li l-prova "shiha u kompluta" kif rikjesta mil-ligi ma gietx sodisfatta.

Din il-Qorti sejra tittratta fl-ewwel lok it-tieni aggravju li permezz tieghu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma kkoncedietx differiment lill-prosekuzzjoni sabiex jigi ingunt rapprezentant tal-licenzji. Skond l-appellant, il-prosekuzzjoni kienet harket lir-rapprezentant tal-licenzji izda r-riferta kienet wahda negattiva u l-ewwel Qorti ghal kull bwon fini sejhitlu izda baqa' ma deherx.

Dak li jghid l-appellant mhuwiex sorrett minn dak li jirrizulta mill-atti. L-ewwelnett ma giet esebita l-ebda riferta quddiem l-ewwel Qorti. Difatti, skond il-verbal ta' l-10 ta' Dicembru 2008, dak li ddikjarat il-prosekuzzjoni kien li ma kellhiex a disposizzjoni taghha r-riferta tar-rapprezentant tal-*Licensing Office*. Imbaghad, wara li dan issejjah diversi drabi u baqa' ma deherx, saret din id-dikjarazzjoni mill-prosekuzzjoni: **"Fic-cirkostanzi l-prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi."** In vista ta' dikjarazzjoni cara u inekwivoka bhal din, l-appellant ma jistax issa jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma kkoncedietx differiment lill-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti ma talbitx differiment izda ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Ghalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata ghax ma nstemax xhud li hija qed tqisu "indispensabbli" meta kienet il-prosekuzzjoni stess li, bid-dikjarazzjoni taghha li "fic-cirkostanzi" ma kellhiex provi aktar, kienet effettivament qed tirrinunzja ghalih. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

Permezz ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet l-Avukat Generali qieghed bazikament jitlob apprezzament mill-gdid tal-provi. L-Avukat Generali jghid illi l-appellat

ammetta mal-Pulizija li ma kellux licenzja u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet issib htija. Ghalkemm fl-affidavits gew indikati dati differenti, l-Avukat Generali jsostni li mid-dettalji kollha fil-kaz jirrizulta li l-indikazzjoni tad-19 ta' Settembru 2008 flok 18 ta' Settembru 2008 kienet zball tipografiku.

Issa, mill-affidavit ta' W.P.S. 198 Jennifer Caruana jirrizulta li d-data li fiha suppost sehh il-kaz kienet it-18 ta' Settembru 2008. Mill-banda l-ohra mill-affidavit ta' P.C. 836 Joseph Vella jirrizulta li l-kaz sehh fid-19 ta' Settembru 2008. Xi hadd minnhom ha zball. L-Avukat Generali hu tal-fehma li l-izball hu fl-affidavit ta' P.C. 836. Fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2008 quddiem l-ewwel Qorti, l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Mario Tonna esebixxa tliet dokumenti, u cioe` l-affidavits imsemmija u okkorrenza. Din l-okkorrenza pero` ma giet ikkonfermata minn hadd. Ghalhekk ma tikkostitwixxi ebda prova. U m'hemm l-ebda prova ohra li minnha l-Qorti tista' tikkonkludi li l-kaz sehh f'data u mhux f'ohra, galadarba xi hadd mill-Pulizija li ghamlu l-affidavits ha zball fid-data. U m'ghandux ragun l-appellant jargumenta illi ghax l-appellat gie akkuzat li kkommetta r-reati in kwistjoni fit-18 ta' Settembru 2008 allura dik tikkostitwixxi prova li hi d-data korretta. Bejn zewg dati konfliggenti, fin-nuqqas ta' prova ohra, ma tistax issir ghazla.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------